MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 7/2006

**Paul Grech**

**vs**

**Bargain Holidays**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta’ April, 2006, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni ta’ l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fis-26 ta’ Ottubru 2005 fejn ir-Rikorrenti talab danni ta’ mija u tlieta u erbghin Lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm143.62) rapprezentanti dewmien u ttardjar

ta’ l-ajruplan minn Londra ghal Malta fejn dam jistenna aktar minn disa’ sighat.

L-intimat ipprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema’ x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema’ x-xhieda ta’ l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti kellu jigi lura minn Londra ghal Malta u l-ajruplan li kellu jigi fuqu ttardja peress li kellu xi hsarat teknici u ghalhekk dam jistenna madwar disa’ sighat u qed jitlob kumpens.

2. L-intimat issottometta li dawn kienu cirkostanzi li ma kienux fil-kontroll tieghu pero` finalment ir-Rikorrenti wasal Malta u waqt li kien qed jistenna nghata jiekol u jixrob.

3. It-Tribunal wara li sema’ lill-partijiet jinnota li l-versjoni tar-Rikorrenti hija aktar kredibbli.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa’ it-talba tar-Rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta’ hamsa u sittin Lira Maltin (Lm65) bl-ispejjez kontra l-istess intimat u dan tenut kont tar-regolamenti stabbiliti mill-Unjoni Ewropeja.”

Is-socjeta` mharrka appellat fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza bl-aggravji f’ dawn it-termini:-

(i) It-Tribunal ippregudika b’ mod gravi l-jeddijiet taghha billi applika b’ mod generiku r-regolamenti ta’ l-Unjoni Ewropeja;

(ii) F’ kull kaz, ir-Regolament 261 ta’ l-2004 ta’ l-Unjoni Ewropeja ma japplikax fil-kaz taghha, *qua* agent ta’ l-ivvjaggar, in kwantu dan jolqot it-trasportaturi bl-ajru;

Jinghad merament b’ osservazzjoni tal-meritu taghhom, illi din il-Qorti ssib ferm interessanti l-obbjezzjonijiet tas-socjeta` appellanti lilha sottomessi. Primarjament ghaliex fil-verita r-Regulation EC 261/2004 sostanzjalment jikkoncerna lill-*operating air carrier* u r-regoli ta’ kumpensazzjoni u ta’ assistenza li dan hu tenut isegwi fil-kaz ta’ “*denied boarding*” jew “*cancellation or long delay of flights*”. Invece, is-socjeta` appellanti ma hijiex “*air carrier*” imma biss “*travel agent”*;

Tradizzjonalment *travel agent* kien meqjus bhala mandatarju tal-klijent fejn ir-rwol tieghu kien dak li jaghmel arrangamenti mal-linji ta’ l-ajru u l-lukandiera ghall-provvizjon ta’ biljetti ta’ l-ajru u ta’ akkomodazzjoni. Hu llum pero` rikonoxxut illi dan l-agent jassumi responsabilitajiet ferm aktar minn dak ir-rwol tradizzjonali tieghu. B’ danakollu, kif spjegat minn **Georgette Miller** (“**Liability in International Air Transport**”, Ed. Kluwer, 1977, pagna 266), “*considering the travel agent as a carrier does not do justice to the variety of activities he may have in his new role. This is why another analysis seems to have found favour in the courts. The relationship between the travel agent and his customer is seen as a “contrat d’ entreprise”, the duties of a travel agent as an “entrepreneur” being to organise the trip for the customer, including such things as transportation, accommodation and excursions (“Sta Croisieres et tourisme -vs- Vasseur”, Cour de Cassation, 27 ta’ Ottubru 1970), The consequence of this new analysis is to disqualify the travel agent as a contracting carrier under the Guadalajara Convention definition, because, although he contracts in his own name with the customer, he is “partie a un contrat d’ entreprise” and not “partie a un contrat de transport”.*”

L-istess awtrici tissokta tispjega illi fil-pajjizi tal-*common law* ma tezistix it-tendenza li tikklassifika r-relazjonijiet f' xi kategorija specjali. Dan ghar-raguni illi fil-maggor parti tal-kazijiet "*the relationship between the parties involved is clear and it will be easy to determine who acts as principal and who acts as agent. An air carrier who issues a ticket indicating that it will perform the carriage clearly acts as a principal. On the other hand, a travel agent who undertakes to provide tickets for transportation on a particular flight clearly acts as the agent of the air carrier which will perform the flight".* (*Op. cit.* pagna 269). Hekk allura f' dawn il-pajjizi (u dan japplika wkoll fl-Istati Uniti), f' kazijiet ta' dewmien tat-titjira, "*the obvious defendant in such actions would be the air carrier*" (pagna 271);

Premessi dawn il-kunsiderazzjonijiet, hekk rilevanti bhala punt ta' principju tar-relazzjonijiet guridici relattivi fuq is-suggett, sfortunatament ghas-socjeta` appellanti l-aggravji taghha jarenaw fuq l-iskoll tad-dettami tal-ligi. Dan fuq zewg livelli;

Ibda biex, ma jirrizultax, la mir-risposta u lanqas minn xi sottomissjoni quddiem it-Tribunal, illi l-obbjezzjonijiet issa mqanqla ngiebu mill-appellanti ghall-attenzjoni ta' dak l-istess Tribunal biex l-istess ikunu epurati, trattati u definiti minnu. Kif inhu risaput, mhux lecitu allura li f' dan l-istadju jitqajmu eccezzjonijiet jew temi godda ta' indagini quddiem din il-Qorti ta' revizjoni. Ara f' dan is-sens "**Doris Gauci *et* -vs- Albino Micallef *et***", 28 ta' April 1998 u "**Malcolm Cachia *nomine* -vs- Joseph Apps *nomine***", Appell, 30 ta' Gunju 1997;

Aktar fundamentali minn hekk hu l-fatt illi l-appellanti fl-ebda waqt ma qajmet kontestazzjoni illi ma kienx gie moghti lilha smiegh xieraq jew li l-kaz taghha ma giex trattat u deciz skond id-dettami ta' gustizzja naturali. Anzi mill-atti attendibbli jirrizulta li hi nghatat l-opportunita` shiha li tipprezenta l-kaz taghha u tiddefendi ruhha kif jixraq. Is-socjeta` appellanti hi konxja minn dan tant li fl-

introduzzjoni ghall-aggravji taghha tissenjala li d-dritt ta’ l-appell moghti lilha mid-decizjoni tat-Tribunal adit hu biss koncess fil-parametri ta’ l-Artikolu 22 (2) ta’ l-Att XXVIII ta’ l-1994 (Kapitolu 378);

Necessarjament, is-suesposta konsiderazzjoni tikkonduci ghall-irritwalita` ta’ l-appell billi, kif jinghad fil-precitat provvediment tal-ligi specjali, hu biss konsentit appell lil din il-Qorti jekk it-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali. Ilment f’ dan is-sens ma jirrizulta minn imkien fir-rikors ta’ l-appell interpost. Konsegwentement, is-socjeta` appellanti lanqas ma tista’ ssib konfort fis-sottomissjoni taghha illi d-decizjoni ppregudikat b’ mod gravi l-jeddijiet taghha. Kif drabi ohra ritenut, “una volta ma jirrizultax li kien hemm ksur tal-principji ta’ gustizzja naturali fis-smiegh tal-kawza - pregudizzju dan li minn natura tieghu kellu jkun wiehed procedurali u mhux sostanzjali - ma kienx il-kaz li din il-Qorti tiddiskuti dwar l-gravita` tal-pregudizzju ghax dan kien mill-atti ezkluz” (“**Charles Sultana *et* -vs- A. C. K. Ltd**”, Appell, 27 ta’ Ottubru 2000).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------